Kunsill Lokali Attard
6, Triq il-Kbira
Attard BZN 02

Tel.No 411111 Fax No. 411414

## MINUTI TAS-SITTA U GHOXRIN LAQGHA TAL-KUNSILL

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **POST** | SALA TAL-KUNSILL | | | |
| **DATA** | 13 ta' Frar 2014 | | | |
| **HIN** | Minn | 5.30pm | Sa | 7.30pm |

**Il-laqgha bdiet fil-hin:**

| | | |
|---|---|---|
| **Sindku** | Sur | STEFAN CORDINA |
| **Vici-Sindku** | Sur | MARK ANTHONY SPITERI |
| **Kunsilliera** | Sur | RAYMOND AZZOPARDI |
| | Sur | REMIGIO BARTOLO |
| | Sur | JOHN P. BONNICI |
| | Sur | GERALD BORG |
| | Sur | RALPH CASSAR |
| | Dott. | HERBERT MESSINA FERRANTE |
| | Sur | ALFRED ZAMMIT |
| **Segretarju Eżekuttiv** | Sinjura | MARICA MIFSUD |

Il-Laqgha bdiet fil-5.30p.m. u kulhadd kien fil-hin.

1. **APPROVAZZJONI TA' MINUTI**
   Gew approvati wara li saret korrezzjoni f'pagna 2 fejn is-Sur Gerald Borg qal li flok il-kliem *jitnaddaf bieb tal-hgieg* irid jidhol *sar bieb tal-hgieg*, kif ukoll li s-Sur Cassar zied strofa fejn qal *li hu favur li l-Embankment jigi skedat.*

2. **PUNTI MQAJJMA**
   *a)* Is-Sur Ralph Cassar qal li ghall-qari ta' peoziji fis-7 ta' Frar kien hemm 35 ruh. Fakkar ukoll fil-laqgha ta' Marco Cremona nhar il-Gimgha, 21 ta' Frar 2014 fis-6 ta' filghaxija ghal min xtaq jattendi.
   b) Is-Sur Remigio Bartolo kkonferma l-vizita tal-President li se ssir nhar l-Erbgha, 5 ta' Marzu 2014 fl-11.45 ta' filghodu.

3. **KORRISPONDENZA**
   🗁 Emails minghand Anatolia Restaurant fuq No Objection ghat-tqeghid ta' mwejjed u siggijiet.
   **DECIZJONI LI TTIEHDET**: Il-Kunsill ma qabilx li tinghata No Objection qabel ma jigi assigurat li ma jsirx bhall-lokalitajiet ohra u jibqghu miftuhin sal-4 ta' filghodu. Ghandha tintbghat risposta f'dan is-sens.
   🗁 Messagg fuq facebook fuq grupp folkloristiku li jixtiequ jigu Malta biex jiehdu sehem f'xi attivita'. Ha jsir kuntatt ma' dan il-grupp li l-Kunsill hu nteressat.
   🗁 E-mail minghand l-AKL rigward zghazagh inqas minn tletin sena li jixtiequ jiehdu sehem fil-European Youth Event 9-11 ta' Mejju....mhux applikabbli ghall-Kunsill Lokali taghna.
   🗁 E-mail minghand id-Dipartiment rigward l-iStreet Lighting Devolution Manual....peress li l-Kunsill lahaq hareg it-Tender qabel ma wasal dan il-Manual fl-24 ta' Jannar 2014 ha jghaddi kopja lill-kuntrattur.
   🗁 E-mail minghand MCA rigward tigdid ta' agreement fuq il-Wi-Fi ta' Gnien l-Istazzjoni. Il-Kunsill ha jipprova jgib sponsors ohrajn.
   🗁 E-mail minghand Vote16 sabiex jinsab Ambaxxatur iehor ghall-Kunsill minhabb li Ian Zahra ghalaq 18 f'Dicembru.
   🗁 Ittra minghand La Stella Levantina sabiex il-Kunsill jorganizza attivita' tal-Karnival nhar it-Tnejn, 3 ta' Marzu.

**DECIZJONI LI TTIEHDET:** Il-Kunsill ha jgib il-karru tal-Karnival tas-Sur Paul Chetcuti u tigi organizzata attivita' li tikkonsisti f'parata minn Triq il-Pitkali ghal Triq il-Kbira bil-partecipazzjoni tal-Banda la Stella Levantina fejn l-ispiza m'ghandhiex taqbez €400 li parti minnhom huma spiza ghall-Gwardjani Lokali. Is-Sur Borg oggezzjona li jithallsu l-Gwardjani Lokali imma l-ammont tal-ispiza nzamm kif intqal qabel u l-Gwardjani huma nkluzi wkoll.

🗁 Ittra minghand Dr. Josette Grech rigward oggezzjoni ghat-tender ALC 07/13. Is-Sur Robert Grech gie nfurmat permezz ta' ittra datata 8 ta' Jannar li t-tender tieghu ma kienetx success. Sussesgwentament gew mghoddija lili kopja tal-Minuti tal-Laqgha 24 li gew approvati fil-Laqgha 25 li saret fil-15 ta' Jannar. Is-Sur Grech bghat ittra bl-avukat nhar il-21 ta' Jannar li giet ricevuta fl-24 ta' Jannar. Il-ligi tghidlek li zmien biex issir appell bil-miktub huwa ta' ghaxart t'ijiem mill-hrug tal-ittra tal-Kunsill u jrid isir flimkien ma' hlas ta' €200 li minnhom jithallas €100 il-Permanent Secretary DLG u l-kumplament il-Kunsill. Ghaldaqstant ghalkemm gie nnutat il-kontenut tal-ittra u fil-fatt is-Sur Grech u s-Sur Falzon kienu kwazi l-istess skond kif wiehed jinterpretaha ma' sar xejn li jista' b'din l-ittra jigi kkunsidrat bhalha appell u ghaldaqstant ghandha tintbghat ittra f'dan is-sens.

**DECIZJONI LI TTIEHDET:** Il-Kunsill qabel li dan il-kaz ghandu jitqies bhalha maghluq.

🗁 Ittra ohra minghand il-Perit David Vassallo li ghalkemm ma riedx jiftah appell gibed l-atttenzjoni tal-Kunsill li l-ammonti mitfugha fit-tender ma kienux ta' kulhadd l-istess imma jvarjaw minn cifri ghall-persentaggi. Il-Kunsilli innota l-ittra u ha spunt ghall-darb'ohra biex jekk jerga' jigri kaz simili l-Kunsill jiehu l-mizuri necessarji.

4. **TRIQ IL-MINGEL *UPDATE***

Is-Sur Cordina qal li jekk ha jsir xi recording tal-laqgha dan ghandu jig ccarat mill-bidu. Hu sejjah lill-Perit Stephen Farrugia u s-Sur Albert Borg sabiex jispjegaw ix-xoghol kollu li sar sabiex tlesta x-xoghol fuq Triq il-Mingel.

Dr. Messina Ferrante saqsa ghalfejn intalbet din l-ispjega? Is-Sur Bonnici qal biss li hekk kien hemm bzonn. Is-Sur Cordina qal u ghamilha cara li ghalkemm ix-xoghol ilu ghaddej snin kulhadd kien prezenti waqt il-laqghat u dejjem inghata rendikont ta' dak kollu li kien qed isir waqt l-laqghat tal-Kunsill u hadd ma kien qal xejn u xoghol baqa' ghaddej. Is-Sur Zammit saqsa ghala la t-triq kienet privata sar ix-xoghol. Is-Sur Spiteri qal li meta nbeda x-xoghol hadd ma kien jaf li hi privata u fuq parir tal-istess Avukat Zammit-Lewis meta bdew gejjin l-imtoppi fuq min iridha hekk u min iridha hekk l-Avukat kien qal lill-Kunsill biex ix-xoghol li sar ireggah lura ghal li kien. Is-Sur Albert Borg beda billi qal li huma bdew fl-2008 meta kien joqghod hafna ilma quddiem residenza partikolari. Is-Sur Bonnici saqsa ghala l-kont tela' €41,000 f'daqqa wahda. Saret Spjegazzjoni teknika tax-xoghol u gie spjegat fid-dettal x'jinkorpora fih il-kont. Wara l-ispjega is-Sur Cordina qal jekk il-Kunsill hux sodisfatt b'dak li ntqal. Is-Sur Zammit saqsa ghala ma nhargitx tender f'dan il-kaz. Is-Sur Cordina qal li f'dan il-kaz ix-xoghol li kellu jsir kien jikkonsisti f'patching li sar fl-2007 (fakkar il-kulhadd li dak il-perjodu f'H'Attard kien sar patching estensiv u kien sar hafna xoghol anka barra l-Budget ghal dik is-sena) u peress li nqalghu habba problemi bis-sodda u l-qlib il-kuntrattur spicca jaghmel it-triq kollha. Is-Sur Cassar qal li hafna drabi x-xoghol ma tkunx taf x'se jtik ghax kieku kienet tinhareg hekk mill-bidu. Is-Seg. Ezek. qalet li llum l-istorja hi differenti u kull meta tinhass il-htiega li hemm hafna xoghol involut qed titlob stima minn qabel u jinhargu tenders bhal fil-kaz ta' Triq il-Gonna.

5. **MOZZJONIJIET: SKEMA *STREAMING ONLINE* U LIBRERIJA.**

Gew approvati u ffirmati Mozzjoni 1 Skema ghall-Ghajnuna Finanzjarja ghal Streaming Online u Mozzjoni 2 Librerija Lokali.

.

6. **APPROVAZZJONI SKEDA TA' PAGAMENTI JANNAR 2014**

Is-Sur Alfred Zammit saqsa x'kien il-pagament ta' €73500. Is-Seg. Ezek. Qalet li dawk kienu fondi mghoddija l-Kunsill taht l-iskema Rigenerazzjoni Qasam tal-Bini tal-Gvern. Saqsa wkoll jekk kienx hemm xi overtime fis-Salarji ta' Jannar. Is-Seg. Ezek qalet li le hlief li seta' kien hemm gurnata fejn is-Sinjura Sammut issostitwiet lis-Sinjura Cachia is-Sibt minhabba li kienet ma tiflahx. Il-pagi kienu wkoll jinkludu l-Performance Bonuses li inghataw f'Jannar minhabba nuqqas ta' fondi u li fi Frar ha jkun hemm l-overtime relatat mat-tlielaq tas-soltu.

**7. APPROVAZZJONI TA' DRAFT BUDGET.**

Is-Sur Cassar saqsa jekk fil-budget hemmx mahsub li jsiru xi bankini, jekk hux mahsub li jitkomplew is-sinjali storici u li l-fondi ghax-xogholijiet huma vera ftit. Is-Seg. Ezek. qalet iva imma bir-restrizzjonijiet minhabb li ma tantx hemm wisq fejn tilghab. Qalet ukoll li d-dhul ghall-Kunsill naqas immens u fejn qabel kien hemm dhul mic-citazzjonijiet u l-Korprazzjoni tal-Ilma sabiex jitrangaw trinek fejn ikun hemm hsata issa dan id-dhul hu limitat ghall-permessi ta' krejnijiet, posta/kiosk etc biss. Qalet ukoll li kif mitluba hasbet ghall-fondi ghall-gemellagg imma wkoll bir-restrizzjonijiet. Id-Draft Budget gie approvat.

**8. APPROVAZZJONI TA' *FINANCIAL STATEMENTS***

Is-Seg. Ezek. kienet iccirkolat review fuq il-*financial statements* meta mqabblin mas-sena l-ohra. Kulhadd kien kuntent bl-ispjega li nghatat u li l-infieq, f'dan il-kaz zbilanc, inzamm ikkontrollat u kien kwazi daqs is-sena l-ohra. Il-*Financial Statements* gew approvati u ghandhom jintbaghtu minnufih lin-*National Audit Office* sabiex ikun jista jinbeda l-Audit.

**9. TENDER PERIT**

Dan l-item gie diskuss.

**10. AFFARIJIET OHRA**

Is-Sur Mark Anthony Spiteri ressaq dawn il-punti:

Talab li jsir passagg issa lib bdew il-proceduri biex tinfetah it-triq bejn Triq Lorenzo Manche` u Triq il-Ponsjetta. **DECIZJONI LI TTIEHDET:** Kulhadd qabel.

- Li hemm xi lampi maqtughin bejn id-djar 'La Lumiere', 'Francesca' u 'San Guzepp'
- Rega' fakkar fuq il-Bus Stop fi Triq Victor Vassallo
- Rega' tenna fuq il-problema ta' parkeggi fl-area tieghu u li sikwit qed jinghataw citazzjonijiet ghal min ikun ipparkjat f'kantuniera avolja wiehed ma jsibx parking.

Is-Sur Ralph Cassar ressaq dawn il-punti:

- Talab li jinzerghu sigar wara Gnien Hal Warda.
- Li hejja t-text ghat-tieni tabella storika dik tal-Kappella ta' San Pawl.
- Li hu ma jaqbilx li tintmiss gardina Ta' Fgieni ghax ghadda bil-lejl fis-16 ta' Jannar ghall-habta ta' 11.45 u kien hemm xejn inqas minn 25 parkegg liberu fl-area tal-madwar. Ghandu jigi vverifikat dan.
- Talab li jipprocedu fuq il-kaz tal-barriera ta' Venven minhabba li kollox ghadu kif kien u qisu raqad kollox rega'.

Is-Sur Alfred Zammit ressaq dawn il-punti:

- Talab biex issir konka gdida fi Triq Victor Vassallo hdejn il-G&G.
- Fakkar fuq il-bankijiet hdejn l-area tal-flats.

Is-Sur John P. Bonnici ressaq dawn il-punti:

- Li terga' ssir *reminder* fuq il-hajt perikoluz fi Triq il-Mithna.
- Talab biex isir xi haga fuq l-ammont ta' skart mahrug kuljum u mhux skond l-iskeda tar-Razzett Complex.
- Li hemm fanal maqtugh fl-istess triq.
- Li ssir reminder fuq l-applikazzjoni tar-Reserved Parking tas-Sinjura Cassar.
- Li ssir sorveljanza mill-Pulizija fuq il-hafna trakkijiet li qed jghaddu mghobbija zzejjed u mhux mghottija.

Is-Sur Remigio Bartolo ressaq dawn il-punti:

- Talab biex isiru zewg mirja fi Triq Victor Vassallo ma' Triq is-Sienja minhabba li saru zewg incidenti koroh u dawn jistghu jghinu u jipprevjenu. Hu gab pjanta tal-post fejn jistghu isiru.

Dott. Herbert Messina Ferrante ressaq dawn il-punti:

- Talab biex issir *road hump* hdejn il-Fikus fi Triq il-Belt Valletta u ohra fi Triq Hannibal minhabb li jitilghu hafna *wrong side.*
- Li s-sigar tant kibru li t-*traffic lights* bilkemm jidhru.
- Li jsir tindif regolari tat-trabijiet mill-Petrol Station sal-Barriera ta' Venven. Id-Dipartiment diga' ipprovda t-tindif necessarju u l-bankina qed titnaddaf tlett darbiet zgur/
- Li nitranga l-arblu tad-dawl li s'issa ghadu kif kien
- Li l-plattin li jinghata lill-President ikun tal-fidda. Hawnhekk kien hemm nuqqas ta' qbil minhabba li s-Sur Bartolo propona li jkun tac-ceramika. Ghaldaqstant is-Seg. Ezek. gie mitlub jaghzel u hi qalet li tippreferi ceramika ghax is-disinn dejjem ikun originali.

**8. AĠĠORNAMENT**

Il-laqgħa ġiet aġġornata ghat-Tnejn, 10 ta' Marzu 2014 fil-5.30pm.

________________________ Sindku

________________________ Data